MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1252/2004

**Elmo Insurance bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Grace Said u l-istess Grace Said**

**vs**

**Paul Silvester Cassar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Gunju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm185.75) u fejn intqal:**
**Illi fit-22 ta' Novembru, 2002 Maria Said, bint l-attrici kienet fil-karrozza AAJ-291 tal-attrici Grace Said, wieqfa fi Triq il-Mensija, San Gwann meta l-istess vettura giet milquta bil-bajla ta' crane operata mill-konvenut;**

**Bhala konsegwenza gew kagunati danni ammontanti ghas-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm185.75) dovuti kwantu ghal mija u ghaxar liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm110.75) lill-kumpanija attrici li sburzathom taht il-polza u kwantu ghal hamsa u sebghin lira (Lm75) lill-attrici li baghtiethom minn butha;**
**Il-konvenut gie interpellat b'ittra ufficjali tal-10 ta' Mejju, 2004 izda ghal ta' xejn;**
**Ghalhekk l-atturi jitolbu illi it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas in linea ta' Danni kagunati bhala konsegwenza tal-imsemmi incident, is-somma ta' mija u hamsa u tmenin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm185.75), kwantu ghal mija u ghaxar liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm110.75) lill-kumpanija attrici li sburzathom taht il-polza u kwantu ghal hamsa u sebghin lira (Lm75) lill-attrici, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-imsemmi incident, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Mejju, 2004 u bl-imghax ta' 8% fis-sena mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li hu mharrek ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fit-13 ta' Ottubru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu meqjusa bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikajra lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u ghaxar liri u hamsa u sebghin centezmu (Lm110.75) u lill-attrici Grace Said is-somma ta' hamsa u sebghin lira (Lm75), ilkoll bl-imghax legali mill-10 ta' Mejju, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Mejju, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------